KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 54**

**It-Tlieta, 13 ta' Settembru, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fis-17:50h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier |
| Is-Sur | Joe Baldacchino | Kunsillier *(online)* |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier *(online)* |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Hadd

**ASSENTI:**
Is-Sur Carlo Stivala — Kunsillier

**UFFICJAL PREŻENTI:**
Is-Sur Jordy Brincat — Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

## 54.01 Qari tal-ittri t'Apoloġiji

**54.01.01** Ma kienx hemm ittri t-apoloġiji

## 54.02 Approvazjoni tal-minuti (Seduta 52 u Seduta b'urġenza 53)

**54.02.01** [Seduta 52] - Ma kienx hemm korrezzjonijiet fuq il-minuti tas-seduta 52.

Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Farrugia, l-minuti tas-seduta 52 ġew approvati unnanimament.

**54.02.02** [Seduta 53] - Ma kienx hemm korrezzjonijiet fuq il-minuti tas-seduta 53.

Fuq proponiment tal-Kunsilliera Maria Mifsud u ssekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, l-minuti tas-seduta 53 ġew approvati unnanimament.

## 54.03 *Arising* mill-minuti (Seduta 52)

**54.03.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-ismijiet tal-individwi li ħadu Ġieħ Birżebbuġa u kif ukoll xi rikonoxximenti ser jiġu inklużi fil-minuti ta' din is-seduta. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li minn informazzjoni li rċieva ġiet nfurmat li għal Ġieħ Birżebbuġa kien hemm aktar minn nominazzjoni waħda. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien ser jivverifika, waqt li l-Kunsillier Johann Borg ikkonferma li kien hemm nominazzjoni waħda biss.

Il-lista kollha tal-individwi li ġew rikonoxxuti għall-ħidma tagħhom f'diversi setturi li l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa approva li l-ħidma u s-sehem tagħhom ikunu rikonoxxuti hi din:

| | |
|---|---|
| **Ġieħ Birżebbuġa 2022:** | **is-Sur Joe Julian Farrugia** |
| Rikonoxximent Speċjali: | **is-Sur Kurt Attard** |
| Rikonoxximent Speċjali: | **is-Sur Ryan Caruana** |
| Rikonoxximent Speċjali: | **is-Sur Alessandro Salerno** |
| Rikonoxximent għall-unur li għamilt lil Birżebbuġa fl-*iSpecial Olympics Invitational Games Malta 2022:* | **is-Sur Gareth Borg** |
| Rikonoxximent għall-unur li għamilt lil Birżebbuġa fl-*iSpecial Olympics Invitational Games Malta 2022*: | **is-Sur Jean Paul Fenech** |
| Rikonoxximent għall-unur li għamilt lil Birżebbuġa fl-*iSpecial Olympics Invitational Games Malta 2022*: | **is-Sur Peter Fenech** |
| Rikonoxximent għall-unur li għamilt lil Birżebbuġa fl-*iSpecial Olympics Invitational Games Malta 2022*: | **is-Sa. Leanne Marsham** |
| Rikonoxximent għall-unur li għamilt lil Birżebbuġa fl-*iSpecial Olympics Invitational Games Malta 2022*: | **is-Sur John Vella** |
| Rikonoxximent għall-Atleta / Sportiv tas-Sena: | **is-Sur Alessandro Desira** |
| Rikonoxximent għall-ħidma fl-Inkluzjoni: | **is-Sa. Maja Ruzicic** |
| Rikonoxximent għall-ħidma fil-Volontarjat: | **is-Sur Henry Bonnici** |
| Rikonoxximent għall-ħidma fil-Kultura: | **is-Sur Michael Schembri** |

Rikonoxximent għall-Anzjan / Anzjana tas-Sena: **is-Sur Alfred Gauci**
Rikonoxximent għall-Impenn u Dedikazzjoni: **is-Sa. Maria Zahra**
Rikonoxximent għaż-Żagħżugħ / Żagħżugħa tas-Sena: **is-Sa. Reyhan Vella**

## 54.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**54.04.01** *Animal shaped litter bins* – Kien kemm verifa fuq kif isir it-tbattil tal-*bins* kif mistoqsi fis-Seduta 52 u l-Kunsilliera preżenti qablu li minflok *animal shaped litter bins*, isiru *smart bins* normali minħabba li l-prezz tagħhom kien għoli ħafna.

**54.04.02** *Bankijiet għall-persuni li jagħmlu użu mill-wheel chair* – Minħabba li kien hemm żball fil-prezzijiet tal-għazla li saret fis-Seduta 52, din il-kwotazzjoni ġiet għalissa miżmuma, u minflok jinxtraw erbgħa bankijiet oħra għall-Pjazzi tal-Knisja bħal m'hemm diġa.

**54.04.03** *Servizz tad-Data Protection Officer* – Għal din il-kwotazzjoni l-Kunsill ħa vot. B'seba' voti favur u 1 kontra tal-Kunsillier Alex Caruana qablu ma' din il-kwotazzjoni għall-prezz ta' €3,304 fis-sena.

**54.04.04** *Pedestalli tal-konkos tal-fanali ornamentali* – Kien hemm kwotazzjoni waħda ta' €507.40c għal kull pedestal li nġiebet mill-Kuntrattur li għandu t-*tender* marbut mad-dawl. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li peress li kien hemm 26 pedestall xi jsir, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, għandu jitlob għal-skont fil-prezz globali.

*Bħalissa is-18:50h, il-Kunsillier Alex Caruana li jiġi skuzat għal xi ftit tal-ħin minħabba raġunijiet personali.*

## 54.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' Pagamenti:*

**54.05 .01** Is-Sindku Scott Camilleri irrimarka mill-ewwel, li l-punti numri 44 u 45 inxtraw minn ħanut li għandu konessjoni familjari.

**54.05.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ġibet għall-attenzjoni l-punt numru 3 kien għall-ħlas ta' *petty cash* lil wieħed mil-ħaddiema li għamel għat-*top-up* ta' Awwissu.

**54.05.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ġibet għall-attenzzjoni fuq il-punti 11 u 12 fejn kien hemm żball fil-kontijiet tal-*Bulky Refuse* mill-Kuntrattur, u wkoll fuq il-punt 13 fejn kien hemm *default* fil-prezz u għaldaqstant kiem hemm aġġustament.

*Petty Cash:*

**54.05.04** Ma kienx hemm kummenti għar-rapport tal-*petty cash*.

Fuq proponiment tal-Kunsilliera Doriana Portelli u ssekondat mill-Kunsillier Joseph Farrugia, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unnanimu dwar l-iskeda u l-*petty cash.*

## 54.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

**54.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li saret laqgħa mal-Ministru responsabbli mill-*Public Works*, Onor. Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi. Għal din il-laqgħa attendew il-Viċi Sindku Josette Busuttil, il-Kunsilliera Alex Caruana u Joseph Farrugia fejn f'din il-laqgħa ġew diskussi żewġ proġetti. Ir-*refurbishment* tal-Ġnien tal-Papa fejn il-Kunsill diġa pprovda l-pjanti meħtieġa biex jinbidlu l-bandli, jsiru l-*gates* biex ikun aktar sigurtà u ssir manutenzjoni tal-ġnien. Is-sistema ta' irrigazzjoni ser issir minn Ambjent Malta. Hu qal ukoll li ġie diskuss il-proċess għall-MoU tal-Bini ta' Ċentru Ċiviku tal-Berġa u l-Librerija Pubblika fejn il-proċess ta' devoluzzjoni minn naħa tal-*Land Registry* huma magħluq. Hu żied jgħid li bagħat email lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex tintbgħat il-*formalised no objection* li sa issa ngħatat biss bil-fomm u kif appena ssir id-devoluzzjoni, il-Kunsill ikun jista jibda il-proċess mal-*Planning Autority*. Il-Kunsillier Joseph Farrugia qal li b'dan għandhom jiġu infurmati tal-*Health Department* u s-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Perit William Lewis qed jagħmel kuntatt mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika kif ukoll mal-*Malta Public Libraries* biex jiġu vverifikati l-i*specifications*. Il-Kunsillier Joseph Farrugia ssuġġerixxa li jsir *garage* fejn ser issir il-Berġa u l-Librerija Publika biex ikun jista' jintuża mill-Kunsill.

**54.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal ukoll li kien hemm laqgħa mar-rappreżentant mill-Ministeru tat-Turizmu biex jingħata *feedback* fuq il-proġett ta' Wied il-Buni u Misraħ is-Summit u informa wkoll li l-pjan tal-pompa tal-petrol għadu fis-seħħ li tiġi rilokata. Ser isir studju mas-Supretendenza tal-Patrimonju tal-Kultura biex jaraw il-valur storiku tad-ditch ta' Wied il-Buni biex jiġi inkorporat mal-proġett.

**54.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien hemm laqgħa mal-Onor. Dr. Joe Etienne Abela Segretarju Parlamentari għall-Anzjani, fejn kien hemm preżenti l-*Permanent Secretary* u l-*Head* li għandu x'jaqsam mas-servizz tas-*Silver Tea Service* fejn dawn qed joffru servizz ta' transport lil għall-anzjani tal-fuq minn 60 sena biex jkunu jistgħu jagħmlu l-qadi tagħhom fil-lokalità u fil-viċinanza tagħha. Hu qal li huma lesti li jofru xufier u l-*call centre* fejn wieħed jkun jista' jikkuntatjahom biex jinqeda, u zied jgħid li hu tal-opinjoni li tinkera u mhux tinxtara vettura, biex jkun jista' jiġi provdut dan is-servizz. Is-Sindku Scott Camilleri talab lil-kunsilliera preżenti jekk jaqblux li għanda tinkera vettura fejn bħalissa hemm skema SPI/SCI/9/2022 dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali u Lokalitajiet isbaħ u aktar b'Saħħithom, li waħda mil-benefiċji hi providiment ta' trasport intra-kommunitarju għar-residenti bi bżonnijiet speċjali u dawk vulnerabli. Hu talab biex jinġiebu kwotazzjonijiet għax-xiri u kiri tal-vettura.

**54.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser issir laqgħa mal-kuntrattur u faħħar ix-xogħol tal-Perit Luke Portelli li ġie assennjat mil-Perit William Lewis (il-kuntrattur tal-Kunsill) u li l-istess Perit qed jaħdem mal-*Planning Authority* fuq Triq ir-Raddiena biex parti minnha ssir *one way* u mexxa l-proċess fuq Triq il-Port Hieles ma' *Transport Malta*. Hu żied jgħid li rigward l-*street humps* il-proċess miexi ġmielu.

## 54.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**54.07.01** Fil-bidu ta' din is-Seduta waqt il-punt **54.03 *Arising* tal-Minuti (Seduta 52)** il-Kunsillier Alex Caruana rrikomanda li għal Jum Birżebbuġa li jmiss, fil-Bord tal-għażla

għal Ġieħ Birżebbuġa flimkien mar-Rikonoxximenti, għandhom jiżdiedu żewġ Kunsilliera oħra flimkien mal-Kunsillier Johann Borg. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**54.07.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qed tagħmel rakkomandazzjoni sabiex minn issa 'l quddiem, għandhom jiġu deċiżi d-dati kollha tal-attivitajiet għas-sena dieħla, u jiġu bbukjati l-*floor managers* minn qabel. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**54.07.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qed tagħmel rakkomandazzjoni sabiex il-filmat ta' Jum Birżebbuġa ma jkunx mgħaġġel. Il-Kunsilliera Doriana Portelli rrimarkat fuq is-*sound*, fejn is-*sound* tal-kantanti kien aktar baxx minn tal-mużika. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**54.07.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qed tagħmel rakkomandazzjoni dwar id-diskors tas-Sindku waqt Jum Birżebbuġa. Hi qed tirakkomanda li waqt dawn id-diskorsi kellhom jissemmew il-proġetti kollha bħal dawk ta' Wied il-Buni u Borg in-Nadur. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li hu għamel minn kollox biex jimxi mal-protokol.

## 54.08 Korrispondenza

**54.08.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li daħlet talba għal permess ta' gabbana fi *Pretty Bay*. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-posizzjoni tiegħu diġa għamilha ċara fis-seduti preċidenti li jixtieq jibda proċess mal-*Malta Tourism Authority*, fejn issir *re-organisation* tal-Bajja s-Sabiħa. Hu qal li l-bajja, mir-ramel il-ġewwa taqa' taħt l-*Malta Tourism Authority* u l-*Lands*. Il-Kunsilliera kollha preżenti ma qablux rigward din it-talba għall-permess tal-gabbana.

**54.08.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma il-laqgħa li s-Sindku Scott Camilleri, kellu laqgħa ma Infrastructure Malta rigward is-slipway tal-Qajjenza. Is-Sindku Scott Camilleri qal li Infrastructure Malta ssugeriet li s-*slipway* il-ġdida tigi minn nofs il-*promenade* l-barra fejn hemm dubji fuqha. Hu ssuġerixxa li għanda ssir laqgħa ma Infrastructure Malta minħabba li kif proponut li ssir is-*slipway* ser tinqsam il-bajja minn nofs.

## 54.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**54.09.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa lill-Kunsilliera preżenti li wieħed mill-impjegati tal-Kunsill infurmaħ li fix-xhur li ġejjin se jkun qed jirtira mix-xogħol minħabba l-età tal-irtirar minn mal-Kunsill. Waqt is-Seduta tal-llum qed jitlob lill-Kunsill Lokali sabiex japprova ingaġġ ta' impjegat/a *full-time* minfloku. Is-Sindku Scott Camilleri issuġerixxa li noħorġu sejħa għall-Uffiċjal Eżekuttiv fi Skala 13 minflok dik ta' Skrivan fi Skala 15. F'każ li jkollna persuna minn ġewwa l-uffiċju stess li għanda l-kwalifiċi neċessarji u tapplika, tintgħażel u tkun approvata allura noħorġu sejħa oħra għall-Kunsilli ta' Malta u Għawdex hekk kif hemm imniżżel skond il-proċeduri stabiliti mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Rigward jekk il-Kunsill Lokali hux f'posizzjoni finanzjarja li jħallas għall-pagi ta' dawn l-l-uffiċjali fi Skala 13, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-Kunsill se jibqa' bl-istess ammont ta' ħaddiema (6 *full-time*) bi tibdil se jkun fil-gradi u għalhekk

mhux se jkun ta' piż finanzjarju kbir fuq l-istess finanzi tal-Kunsill. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li nibdew dan il-process b'vot unnanimu.

**54.09.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat avża li llum waslitlu r-riżenja tal-Uffiċjal Eżekuttiv li taħdem mal-Kunsill *part time* is-Sibtijiet. Għalissa s-Sibtijiet se jkun hemm roaster bejn 3 impjegati.

**54.09.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li matul il-ġranet li għaddew kelmu s-Sindku Scott Camilleri rigward il-proċess tal-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv. Wara li-Aġent Segretarju Eżekuttiv għamel kuntatt mad-Diviżjoni, nfurmawħ li l-proċess ma' jistax jibda minħabba li għadu miżmum għall-Kunsilli kollha. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jirrikonoxxi u japprezza x-xogħol kbir li qed jagħmel l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat bil-limitazzjonijiet kollha li għandu żewġ Kunsilli u l-ħidma u kooperazzjoni mill-istaff, imma Kunsill Lokali li għandu lokalità b'popolazzjoni ta' 14,000 elf persuna, jistħoqlu li jkollu Segretarju Eżekuttiv full time. Hu żied jgħid li jekk sa gimgħa oħra ma jkunx hemm żviluppi, ser jibda jieħu miżuri drastiċi.

**54.09.04** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar lill-Kunsilliera preżenti sa biex jipprovdu r-rapporti tal-ħidma tagħhom biex jgħadduhom lis-Sindku għall-Laqgħa Annwali li ser issir nhar it-Tnejn 3 t'Ottubru 2022. Ir-Rapport Amminstrattiv se jkun qed jiġi mgħoddi b'email għall-approvazzjoni tal-istess Kunsilliera.

## 54.10 Estensjoni tal-kera tal-*garage* f'dawret il-Qalb Imqaddsa

**54.10.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li fil-ġranet li għaddew kellu laqgħa mas-sid tal-propjetà tal-*garage* li l-Kunsill għandu mikri mingħandu f'Dawret il-Qalb Imqaddsa Birżebbuġa. L-istess sid qallu li dan il-kuntratt skada f'Mejju 2022 u li hu jrid ikun jaf jekk il-Kunsill hux ser iġġeddu jew le. Fil-laqgħa li kellu, s-sid irid jżid il-kera għal €5,400 fis-sena minn €3,400 u l-kuntrat ikun għal tliet snin minflok għal ħames snin kif kien l-antik. Il-kera tibqa' titħallas 6 xhur bil-quddiem. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li tiġġedded il-kera tal-*garage* b'dan il-prezz u l-kundizzjonijiet marbuta mal-Kuntratt.

## 54.11 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi*

*Hawnhekk peress li l-Kunsillier Alex Caruana għadu barra mill-laqgħa s-Sindku Scott Camilleri ppropona li dan l-item fuq l-aġenda jiġi diskuss iżjed tard. Kien hemm qbil bejn dawn kollha preżenti*

## 54.12 Proġetti u skemi

**54.12.01** Il-Kunsilliera Doriana Portelli qalet li xi ftit tal-ġranet ilu, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba kiteb *post* fuq il-media soċjali fejn il-Ministru Onor.Julia Farrugia Portelli flimkien tas-Sindku u l-Kunsilliera tal-istess lokalità, inawguraw Ġnien pubbliku li fiħ hemm bandla li hija aċċessibli għall-persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti. Hi żiedet tgħid li meta kienet saret talba mill-Kunsill tagħna, din ġiet rifjutata minħabba li ma

kienitx permessa li ssir. Is-Sindku Scott Camilleri qabel magħha u qal li meta fil-ġranet li ġejjin toħroġ it-tender tal-apparat tal-bandli ha jara li jkun hemm bandla ta' dan it-tip inkluża.

**54.12.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud talbet għal ideat rigward l-*email* li nbagħtet lilha mill-Ministeru tal-Ambjent u Enerġija fid-Dipartiment tas-Sostenibilità, fejn hemm benefiċju ta' 85%. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil, issuġġerit li jsir żvilup tal-biċċa tan-nofs fi Triq Herakles fejn jista isir logħob bid-dawl jew bl-ilma għat-tfal u bankijiet. Is-Sindku Scott Camilleri talab lil-Kunsilliera Maria Mifsud biex l-għada tibagħtlu *email* ħalli jkellem lil-Perit u jara x'jista jsir.

## 54.13 Indafa u ambjent

**54.13.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li kellha talba minn għand min jieħu ħsieb il-Kappella ta' Benagħjsa biex niprovdu tliet pots bis-siġar taż-żebbuġ. Hi semmiet ukoll li hemm il-bżonn li jinxtraw siġar taż-żebbuġ ta' erbgħa jew ħames snien għall-konki li hemm bla siġar max-Xatt u Dawret il-Qalb Imqaddsa.

**54.13.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet dwar id-dħaħen tal-karozzi tal-linja fi Triq l-Imnarja. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Perit ta' *Infrastructure Malta* għamel kommunikat mal-*Malta Public Transport* u ma *Transport Malta* biex isir *diversion* u ma jibqgħux jgħaddu minn Triq l-Imnarja u hemm il-possibiltà li jgħaddu minn Triq ir-Rizza.

**54.13.03** Is-Sindku Scott Camilleri informa lil-Kunsillieri, li ż-żewġ *mobile cameras* ser jaslu l-għada tas-seduta. Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet fejn ser jitwaħħlu u ssuġġeriet li waħda minnhom għanda titwaħħal fi Triq Alessandru ma' Misraħ Ħamel Barka. Is-Sindku qal li ser ikellem lil-LESA rigward il-monitoring minħabba l-*footage* biex jibdew jinħarġu t-taħrikiet. Ġie deċiż li l-*camera* l-oħra titwaħħal jew fuq il-*promenade* tal-Qajjenza jew Bengħajsa. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li ser tagħmel lista tal-postijiet fejn l-aħjar li jitwaħlu l-cameras u tagħt il-prijoritajiet.

**54.13.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lil-Kunsilliera Maria Mifsud jekk is-*central strip* ta' San Luċjan hux ser titnaddaf. Hi rrispondiet li s-soltu kienet titnaddaf minn wieħed mill-ħaddiema tal-C*ommunity workers* u ziedet li hemm il-bżonn li l-ewwel tiġi rranġata il-kurduna u li xi ġranet ilu ħabtet karrozza fiha. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din trid tiġi rranġata minn Transport Malta għax din il-parti taqa' taħthom.

**54.13.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsilliera Maria Mifsud rigward iż-żbir tas-siġar ta' Triq iż-Żebbuġ. Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrispondiet li l-kuntrattur ser ġġib iċ-*cherry picker* u jagħmel in-*no parking signs.*

**54.13.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irrikkonoxxiet il ħidma tas-Sur Clayton Borg fejn qed jagħmel xogħol volontarju siewi ħafna u li din il-gimgħa ġabar materjal li jinkludi boroż u *plastic* minn Triq Għar Dalam.

**54.13.07** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ġiet avviċinata mill-Esplora biex jiġu provduti b'detector biex ikun jagħfu minn fejn għaddejin il-cables tad-dawl fi Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa.

**54.13.08** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet fiex wasal ix-xogħol tal-bankina ta' Pretty Bay mill-Każin tal-Partit Laburista sal-Għassa tal-Pulizija. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Kunsillier Alex Caruana informa lil-*Public Works* biex tiddejjaq il-bankina biex titwessa t-triq biex jiżdiedu l-*parking spaces*.

**54.13.09** Il-Kunsillier Joseph Farrugia staqsa rigward ir-riħa li qed ikun hemm ħdejn il-mobile toilets li sareu quddiem fi Pretty Bay mat-triq. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li għalkemm qedin jitnaddfu darbtejn kuljum, xorta waħda qegħdin jintnu minħabba l-użu eċċessiv tagħhom u avża li dawn dalwaqt ser jitneħħew.

## 54.14 Attivitajiet

**54.14.01** Is-Sindku Scott Camilleri rringrazzja lil-Onor. Inġ. Stanley Zammit tal-ħidma tiegħu marbut max-xogħlijiet ta' restawr li saru fil-Kappella tas-Sagra Familja u fl-inawgurazzjoni tal-istess xogħlijiet.

**54.14.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li għall-*Halloween* ser issir attività fit-28 t' Ottubru. Għal din l-attività u ser ikun hemm laqgħa maż-żewġ każini tal-baned biex ikunu in-kollaborazjoni mal-Kunsill u fejn ser isir *party* għat-tfal fis-sala tal-iskola u li fiha se tinkludi annimazzjoni għat-tfal. Hi żiedet ukoll li ser jitqasam ħelu lit-tfal u li ser jintalbu jġibu ħelu huma biex jitgħallmu jaqsmu ma ħaddieħor. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din l-attività

## 54.15 Kultura, żgħażagħ u sport

**54.15.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li fil-għodu kellu laqgħa mal-Eċċellenza tagħha Marie Louise Coleiro Preca, fejn hi kkonfermat li ser tattendi nhar is-Sibt li ġej għall-attività tal-i*street sports* fil-Bajja s-Sabiħa

**54.15.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli staqsiet lis-Sindku Scott Camilleri kif baqa' fuq it-*tennis court* u hu wieġeb li qed nistennew il-*way forward* minn naħa tal-Ministru Onor. Dr. Miriam Dalli minħabba li l-proġett ta' Bengħajsa nbidel minn Ministeru għal ieħor u li qegħdin fi istat ta' *change over*. Il-Kunsilliera Doriana Portelli talbet ukoll li meta il-Ministeru jissetilja, titressaq il-proposta tad-*Dog Park*. Il-Kunsillier Joseph Farrugia semma l-bżonn ta' ġibjun għax qed jinħela ħafna ilma prezzjuż.

**54.15.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li madwar tlett snin ilu, kienet proponiet li jsiru l-*classes* tal-pilatis. Is-Sindku Scott Camilleri talaba jekk tafx lil xi ħadd li jagħmel dawn il-*classes*, u titlob ir-rati u tkellem lis-surmast tal-iskola rigward din l-attività ta' eżerċizzju.

*Bħalissa is-19:30h, il-Kunsillier Alex Caruana daħal lura għas-seduta. Is-Sindku talab biex issa niddiskutu l-item tal-aġenda 54.11.*

## 54.11 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi*

**54.11.01** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li kien hemm talba li d-*disabled parking bay* fi Triq il-Kurat Fenech u li qegħda fuq in-naħa tad-djar, titneħħa minn hemm u tiġi rilokata faċċata tal-istess triq imma mal-ġenb tal-knisja. Hu ssuġġerixxa li tiġi ftit il-fuq, fejn hemm ir-rampa. Il-Kunsilliera kollha qablu ma din il-proposta.

**54.11.02** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem fuq ir-rampa tax-xatt fejn id-Dimbros qallu li tilef il-*card* tal-*barrier*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li hu tkellem ma tad-Dimbros fejn qallu li jekk ma jirċevix il-ħlas, il-card ma kienx se jirritorna lura. Hu żied jgħid li qallu li kien ser ikellem lil-Perit biex jiċċertifika u hu rrisponda li hu ma għandux x'jaqsam mal-perit u jrid jitħallas. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li ftiehem mal-Perit Luke Portelli biex jinżel l-għada u jġib miegħu l-BOQ, peress li tad-Dimbros kien ser ikun jagħmel xi xogħol ġewwa Birżebbuġa u jiftiehem ħalli jmorru fuq il-post biex jiċċekjaw l-affarijiet. Il-card ġiet irritornata lura mal-Kunsillier Alex Caruana.

**54.11.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet jekk hemmx data ta' meta ser jitlesta x-xogħol fuq il-parti tat-triq li fadal ta' Pretty Bay u dik tax-Xatt ta' San Gorg sal-Al Fresco Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li l-pjan ta' Infrastructure Malta kien li jitkompla wara s-Sajf. Hu qal li jixtieq li jitkellem mas-CEO l-ġdid dwar il-proġett tal-i*slip way* u li hemm ħafna xogħolijiet li jistgħu jitkelmu mal-Perit Noel Vella li għadu fl-istess Dipartiment. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerew li ssir laqgħa ma' din l-entità. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv se jibgħat lill Infrastructure Malta hu.

**54.11.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar it-talba li kienet saret tal-*bollards* fi Triq Għar Dalam u l-Kunsillier Alex Caruana qal li kienet inbagħatet it-talba lil Infrastructure Malta għall-*bollards*, għat-tarmac li ma jiżloqx u twaħħil ta' *bollard* li qeda nieqsa.

**54.11.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar iż-żewġ *parking areas* li kienu ntalbu fil-*housing* estate u li hi kellha informazzjoni li kienet ser issir waħda biss. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana qalu li ser jiltaqgħu mas-CEO il-ġdid ta' Infrastructure Malta u jivverifikaw miegħu.

**54.11.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lil-Kunsillier Alex Caruana dwar id-*disabled parking* biswit l-Alfresco u li mhux qed jintuża. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li dan il-*parking space* kien aktar il-fuq u ġi riakkokat aktar l-isfel u għan-nies b'disabilta' għandhom *disabled parking* iehor aktar il-fuq man-naħa tal-ħanut. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġeriet li jsir *reserved parking* fil-*parking area* ta' fejn it-*toilets*. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

**54.11.07** Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat dwar il-*culverts* ta' Triq Żaren Dalli li qedin jisfrundaw u l-Kunsillier Alex Caruana weġiba sabiex l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jibgħat lill-Infrastructure Malta rigward dawn il-kulverts u se jibgħat email oħra hu biex jitnaddfu speċjalment issa li t-temp jibda jaqleb.

**54.11.08** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ġibdet għall-attenzzjoni dwar iż-żewġ bollards ta' Triq iż-Żebbuġ li saru biex it-trakkijiet u l-*buses* ma jolqtux il-gallarija u li dawn huma

kollha msaddin u perikolużi.  Il-Kunsillier Alex Caruana talabha biex tibgħatlu ritratt tagħhom.

**54.11.09** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet jekk tneħħewx il-bins ta' Triq Żaren Dalli. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dawn tneħħew dakinhar filgħodu.

**54.11.10** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-bozzoz ta' Triq tal-Papa, fejn kienu saru xi bozzoz imma xorta qed ikun hemm ħafna dlam u ssuġġerixxa li jiżdiedu l-bozzoz. Il-Kunsilliera presenti qablu ma din il-proposta.

**54.11.11** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li f'Bengħajsa faċċata ta' Triq il-Kunċizzjoni u fi Triq tal-Karmnu hemm bżonn li jsiru żewġ bozzoz u hemm bozza oħra li mhix ikkunnetjata biex tinxtel.  Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

**54.11.12** Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li ssir bozza fit-taraġ tal-Qajjenza li mix-Xatt ta' San Ġorġ titla il-fuq u li hemm dlam ċappa. Il-Kunsilliera Maria Mifsud ikkonfermat dan u l-Kunsilliera presenti qablu li għanda ssir.

**54.11.13** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar l-arblu ta' Triq Dun Ġorġ Zau kull darba jeħel il-Kunsill.  Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li fejn din il-blokka li għada kif telgħet, hemm biċċa ma ġenbha li l-kuntrattur tal-ġonna qallha li hemm periklu għax għaddejin il-*cables* tad-dawl u ma kienx ser jissogra jnaddaf il-ħaxix.

## 54.16 Affarijiet oħra

**54.16.01** Ma kienx hemm xejn dwar affarijiet oħra għad-diskussjoni.

## 54.17  Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**54.17.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:00h wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 19 t'Ottubru, 2022, fil-17:30h.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |